IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 53

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **it-Tnejn 28 ta' Novembru 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

53.1.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Christopher Cassar talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 52 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**53.3 Korrispondenza**

53.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr. Ivan Tabone, resident fi Triq il-Kardinal Prospoero Grech dwar il-problema tad-drenaġġ li għandu l-problema tat-tappieri fit-triq. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li ż-żewġ tappieri li mhux qed jinfetħu, jinqagħlu minn kuntrattur u jsiru tappieri ġodda.

53.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur John Bonavia mill-Community Workers Scheme Enterprise sabiex jibgħat ħaddiema li tkun assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Birgu bħala cleaner. Preżentata wkoll ittra ta' ringrazzjament peress li din il-ħaddiema filfatt ġiet assenjata mal-kunsill ftit jiem wara.

53.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lil Wild Birds Malta sabiex tinħareġ deroga li tippermetti li jinqabad ħamiem salvaġġ fil-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu li tittieħed azzjoni minħabba l-ammont ta' ħamiem u ħmieġ li qed iħallu madwar il-Birgu.

53.3.4 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett CLEVER ISLAND finanzjat mill-Unjoni Ewropea u li għalih il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed juri interess li jkun imsieħeb fil-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

53.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Ministru Miriam Dalli rigward il-proġett tal-Collachio fejn kellhom jitneħħew il-wires tad-dawl u rigward il-proġett tal-ġnien tal-Glażiż. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li

kellu laqgħa mas-Sur Olaf Mckay mill-Ministeru fejn iddiskutew dawn il-proġetti u diversi proġetti oħra.

53.3.6 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett COOPADAPT finanzjat mill-Unjoni Ewropea u li għalih il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed juri interess li jkun imsieħeb fil-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

53.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Pulizija rigward l-imwejjed u s-siġġijiet li jappartjenu lill-barman tal-Vittoriosa Stars F.C. fejn il-Pulizija qed tistaqsi dwar il-permessi meħtieġa rigward dawn l-imwejjed u s-siġġijiet li hemm quddiem l-għassa tal-Birgu.

53.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Clarie Gafa, Leader tal-Cottonera Community Service fejn qed titlob lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jiffinanzja t-transport għall-ħarġa li se tkun organizzata għall-dawk li jattendu dan iċ-ċentru. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament.

53.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħura mis-Sinjura Alba dal Collo fejn qed titlob lill-kunsill jekk għandux xi sala li fiha tista' twettaq xi lezzjonijiet taż-żfin għat-tfal. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li s-swali tal-kunsill mhux adattati għal dawn it-tip ta' inizjattivi.

53.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-kunsill li se tkun qed tgħaddi l-ewwel pagament ta' €7500 (sebat elef u ħames mitt Ewro) bħala parti mill-Finanzjament għal xogħlijiet ta' mauntenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

53.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-kunsill li se tkun qed tgħaddi l-ewwel pagament ta' €30,398.42 (tletin elf, tlett mija u tmienja u disgħin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu) bħala parti mill-Finanzjament għall-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

53.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-kunsill li se tkun qed tgħaddi l-ewwel pagament ta' €18,220.55 (tmintax-il elf, mitejn u għoxrin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu) bħala parti mill-Finanzjament Milied 2022.

53.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjaru tal-Annimali sabiex tinforma l-kunsilli lokali dwar trattament xieraq tal-annimali waqt avvenimenti lokali.
53.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Green MT sabiex tinforma lill-kunsill lokali li se tkun qed tittermina s-servizz tal-ġabra tal-borża l-griża mill-bidu tas-sena 2023.

53.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Grand Harbour Marina fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li se jkunu qed jagħtu donazzjoni ta' ħamest elef Ewro għax-xiri ta' vann ġdid għall-anzjani li fih itella' wkoll wheelchair.

53.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-inizjattiva Rigal b'Imħabba li qed torganizza mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

53.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali dwar l-għoti tal-vaċċin kontra l-influwenza.

53.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Donna Pace rigward festival tal-arti f'Parisot fejn fost oħrajn, jesebixxu biċċiet tal-arti żgħażagħ Vittoriosani Maltin. Fost artisti mill-Birgu ssemmew, Kyle Duca, Andrew Bugeja u Clive Busuttil. Fuq din għad trid issir diskussjoni u pjanar sew għaliha.

53.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Karen Galea dwar sessjonijiet ta' Pilates Classes fil-Birgu bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li se jsiru fl-iskola Primarja tal-Birgu.

53.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Daniel Orsini, President tal-Vittoriosa Stars F.C. fejn dan qed jinforma lill-kunsill lokali li mhux se tibqa' titħallas persuna sabiex tinfetaħ il-latrina tal-Fortini nhar ta' Ħadd peress li l-klabb għandu spejjeż ulterjuri u nuqqas ta' dħul finanzjarju. Is-Sindku qal li meta tkellem mas-Sur Orsini, qallu li l-ispejjeż tal-ħlas tal-latrina kien se jħallashom huwa personali u ma jafx għala issa qed idur fuq il-klabb meta dan il-ftehim verbali sar mas-Sur Orsini u mhux mal-klabb.

53.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Ministru Aaron Farrugia dwar tmiem it-Triq il-Piccolo Soccorso (it-Toqba tal-Birgu) li tasal fejn is-St.Angelo Mansions fejn jidher li se jkun hemm problema fejn il-karozzi jdawwru għall-barra.

**53.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.4.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li nhar id-9 ta' Diċembru 2022 huma mistiedna għall-ftuħ uffiċjali tal-wirja tal-presepju Natività fil-Birgu armat fl-intrata tal-Berġa ta' Franza.

53.4.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bil-kunċert fuq il-pjanu li se jsir fil-Berġa ta' Franza nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022 li għalih huma mistiedna l-kunsilliera kollha.

53.4.3 Is-Sindku propona li jsiru żewġ riċevimenti mill-kunsill, wieħed għall-benefatturi tal-kunsill u l-ieħor għall-għaqdiet tal-lokalità. Id-dati maqbula kienu 30 ta' Diċembru 2022 u 6 ta' Jannar 2023 rispettivament.

53.4.4 Is-Sindku qal li l-ktieb 'Il-Birgu lbieraħ u llum' se jibda jitqassam lir-residenti kollha tal-Birgu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li tintalab donazzjoni ta' mhux inqas minn ħames Ewro meta jingħata dan il-ktieb bil-flus miġbura jmorru b'risq l-Istrina. Ġie deċiż ukoll li persuni mill-Birgu iżda mhux residenti fil-lokal, jintalbu donazzjoni ta' għaxar Ewro filwaqt li persuni oħra li jixtiequ jixtru l-ktieb, jintalbu l-ħlas ta' ħamsa u għoxrin Ewro, b'dawn tal-aħħar jiżdiedu mal- finanzi tal-kunsill. Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li għandhom jingħataw xi kopji lil Heritage Malta sabiex jinbiegħu peress li hu ktieb li possibilment jinxtara wkoll mit-turisti.

53.4.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li n-nurture class tal-iskola primarja tal-Birgu tinsab fi stadju avvanzat grazzi għal numru ta' donazzjonijiet li nġabru flimkien ma' donazzjonijiet li daħlu minn żewġ films miġbuda fil-Birgu fix-xhur li għaddew. Is-Sindku qal li ftit huma l-ispejjeż li se jkunu nkorporati mill-finanzi tal-kunsill filwaqt li għamilha ċara mas-Surmast tal-iskola sabiex issir plakka li tgħid li din il-klassi ġiet iffinanzjata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

53.4.6 B'referenza għall-punt 52.3.22 tal-Minuti tal-Laqgħa numru 52, is-Sindku qal li hemm bżonn deċiżjoni dwar il-lift fil-Berġa ta' Franza biex jekk għandu jsir, tinħareġ it-tender tiegħu. Wara diskussjoni fuq dan il-punt, is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li jiġi nfurmat il-Perit li ħejja l-pjanti u l-permessi meħtieġa sabiex jiġi mħejji t-tender għal dan il-lift.

53.4.7 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu mas-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara dwar l-attività tal-aħħar tas-sena li mistennija ssir bejn l-erba' kunsilli, fit-tela' ta' quddiem Couvre Porte. Is-Sindku ppropona sabiex il-

kunsill jivvota s-somma ta’ ħamest elef Ewro (€5000) għal din l-attività. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

53.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli staqsa f’liema stadju jinsab ix-xogħol fl-aħħar parti tar-railing ta’ Triq it-Torri ta’ San Ġwann peress li l-bankina hija perikoluża għax tiżloq. Is-Sindku nfurmah li suppost ix-xogħol daqt ikun lest.

53.4.9 B’referenza għall-*Friendship Agreement* iffirmat bejn Telavi (Georgia) u l-Birgu (Malta), is-Sindku qal li delegazzjoni ta’ erba’ min-nies mistennija tiġi fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-sena 2023. Is-Sindku talab lill-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi jgħinu fl-organizazzjoni għal din l-okkażjoni. Il-kunsill mistenni jħallas l-akkomodazzjoni u l-ikliet tad-delegazzjoni filwaqt li huma jħallsu l-passaġġi tal-ajru.

**53.5 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

53.5.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 47** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6362 sa BOV6374, HSBC 9821** flimkien ma’ ħlasijiet oħra li saru permezz ta’ ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b’mod unanimu l-iskeda preżentata.

**53.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

53.6.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 4 ta’ Jannar 2023 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **5 ta’ Jannar 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |